# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR MICHAEL MALLIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Lulju 2001**

**Numru 22**

**Avviz. numru 1511/98mm**

**Hugh P Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited u din in rappresentanza tal-kumpanija assikurattrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Lia sija bil-polza u sia bil-Ligi u b'nota tas-27 ta' Ottubru 1999 is-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited inrappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc li assumiet id-drittijiet u l-obbligi tas-socjeta' estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Lia qed tassumi l-atti tal-kawza fuq imsemmija bhala attur minflok Hugh P Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Galdes and Mamo Limited u**

**din in rappresentanza tal-kumpanija assikurattrici estera Royal International Insurance Holdings Ltd kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Anthony Lia bil-polza u bil-ligi**

**vs**

**Charlotte Busuttil**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fit-3 ta' Awissu 1998 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm502.98 li jinkludu Lm175 "excess" imhallsin mill-assikurat, rappresentanti danni kagunati mill-konvenuta f'incident awtomobilistiku tas-16 ta' Mejju 1997 gewwa Main Street, San Giljan, bejn il-vettura numru V 9195 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura numru LIA 555 misjuqa mill-assikurat tal-attur nomine, liema incident gara unikament tort tal-konvenuta, minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghha.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Novembru 1997 u dawk tal-ittra ufficjali pprezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta kontestwalment ma' l-avviz, u bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:-

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' din il-kawza ma garax tort u htija tal-eccipjenti izda gara unikament tort u htija tal-assikurat tal-attur li waqt li kien qed isuq il-vettura numru LIA 555 saq b'mod imprudenti u negligenti u b'hekk ikkaguna l-incident in kwistjoni u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident gara tort u htija tal-assikurat tas-socjeta' assikurattrici attrici, l-ebda ammont ma huwa dovut lill-atturi in linea ta' danni u ghalhekk it-talbiet attrici taghhom ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tirrigwarda incident tat-traffiku li gara gewwa Borg Olivier Street San Giljan fis-16 ta' Mejju 1997 bejn il-vettura LIA 555 misjuqa minn Anthony Lia u l-vettura V-9195 misjuqa minn Charlotte Busuttil. Din ta' l-ahhar kienet diehla fil-car park ta' "Park Towers" mit-triq principali waqt li Lia kien fit-triq principali jsuq fid-direzzjoni tal-Balluta.

Lia xehed li kien qed isuq fi Triq Borg Olivier fl-istess direzzjoni tal-konvenuta li hin minnhom raha wieqfa quddiemu. Ghamel manuvra ta' sorpass minn fuq il-lemin taghha izda, hekk kif gie parallela bdiet iddur ukoll lejn il-lemin biex tidhol fil-car park tal-"Park Towers" u sar l-incident. Lia qal li kien cert li sakemm il-karozza tal-konvenuta kienet wieqfa ma kienx hemm *indicator* mixghul pero', wara l-impatt rah mixghul.

Il-hsarat fil-karozza tieghu kienu fuq iz-zewg bibien tax-xellug. Ghat-tiswija hadet hsieb is-socjeta' attrici waqt li hu hallas mija u hamsa u sebghin lira (Lm175) excess. Gew esibiti dokumenti biex tigi gustifikata t-talba tal-assikurazzjoni attrici.

Minkejja li l-konvenuta ma dehritx biex tixhed meta l-kawza kienet appuntata ghal daqshekk, il-Qorti ser tivvaluta l-operat taghha skond kif irrappurtatu lis-Surgent Louis Micallef li nvestiga l-kaz.

Il-konvenuta qalet li kienet qed issuq fit-triq fuq imsemmija fid-direzzjoni minn Spinola lejn San Giljan. Meta waslet vicin l-entratura tal-*parking facility* taht il-"Park Towers" xeghlet l-indicators biex tindika li ser iddur lejn il-lemin u bdiet iddur. Dak il-hin kien qed jaghmel manuvra ta' soprass Anthony Lia bil-karozza tieghu u baqa diehel fuqha u sar l-incident.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi, l-Qorti ssib li ghandha hafna x'ticcensura fis-sewqan tal-konvenuta peress li strahet biss fuq

l-operat tal-indicator minghajr ma hadet mizuri ohra biex tassigura l-inkolumita' tal-utenti l-ohra tat-triq.

Hu ormai pacifiku fil-gurisprudenza taghna li l-uzu tal-indicator hu biss wiehed mill-mizuri li sewwieq ghandu jiehu meta jigi biex ibiddel id-direzzjoni tal-vettura tieghu.

F'sentenza moghtija fis-16 ta' Ottubru,1995 il-Prim Awla Civili fil-kawza "Hugh P Zammit noe vs Raymond Debono" qalet li meta sewwieq ikun ser jikser ghal go "side street" mhux bizzejjed illi jaghmel sinjal, izda jrid jara ukoll illi dawk li qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. Huwa jrid jaccerta ruhu li mhemm hadd li jkun qed jaqilghu fil-mument li jkun ser jikser (ara wkoll "Anthony Busuttil vs Victor Grima" Prim Awla 24 ta' April 1996).

Il-konvenuta ma tidhirx li hadet dawn il-mizuri u jista jkun li kellha mument ta' aljenazzjoni meta ikkwitat it-tarbija li kellha maghha fil-karozza (ara fol 37). Pero', dan ma jiggustifikax bdil ta' direzzjoni kwazi bl-addocc. Bil-manuvra taghha l-konvenuta kienet ser tiddisturba mhux biss il-vetturi gejjin minn warajha izda ukoll dawk gejjin minn quddiemha u ghalhekk, kien jinkombi fuqha l-massimu ta' attenzjoni qabel ma tesegwixxi l-manuvra taghha. Ma jidhirx li l-konvenuta esebiet tali grad ta' attenzjoni u strahet biss fuq l-indicator bhal li kieku dan kien xi brevett ta' immunita. Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha li ghal dan l-incident ghandha twiegeb unikament u esklussivament il-konvenuta.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tilqa’ t-talba tal-atturi, tiddikjara lill-konvenuta unikament u esklussivament responsabbli ghall-incident li gara fi Triq Borg Olivier San Giljan fis-16 ta’ Mejju 1997 bejn il-vettura LIA 555 misjuqa minn Anthony Lia u l-vettura V-9195 misjuqa mill-konvenuta u dana minhabba traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta’ hames mija u zewg liri u tmienja u disghin centezmu (Lm502.98c) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuta li thallas lill-atturi dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz kontra l-konvenuta.

Anthony Zammit

Dep Reg